# Aktar fuq il-Kitbiet tal-Apoloġisti tal-Banda De Rohan



Il-Kumitat

● **Jekk wieħed jaqra l-artiklu intitolat "Il-Kitbiet tal-apologisti tal-Banda De Rohan" li deher f'din ir-rivista fis-sena 2014 jinduna li kien hemm risposta għall-punti l- aktar importanti li jitqajjmu fil-kotba tal-festa maħruġa mill-Każin San Ġużepp, Banda De Rohan. Hawnhekk se nżidu xi kummenti oħra ma dak li diġa ktibna.**

Kull min tul is-snin segwa dawn l-argumenti fuq il-bidu tal-baned f'Ħaż-Żebbuġ, jintebaħ li qed isiru interpretazzjonijiet differenti ħafna minn xulxin dwar dak li seta' ġara. Din is-sitwazzjoni żviluppat għax m'hemmx dokumenti li jitkellmu ċar u tond b'mod li ma jħallu ebda dubju. Għalhekk kull naħa qed timxi fuq ftit tagħrif li jidhrilha li huwa ta' min jorbot fuqhom u b'dawn f'idejha tipprova tifhem x'setgħa kien ġara. Tajjeb inżommu f'moħħna illi l-ftit dokumenti li hem ma kienux maħsuba oriġinarjament biex jitfgħu dawl fuq dan l-argument u għalhekk ġieli jibqa' lok għal interpretazzjonijiet differenti meta wieħed jipprova jinqeda bihom biss biex jistabilixxi x'ġara fl-għalqa tal-bidu tal-baned f'Ħaż-Żebbuġ f'nos is-seklu dsatax.


Esito Straordinario
1851

*1851 – L-Irċevuta li tikkonferma l-eżistenza tal-Banda di San Filippo*

Jidhrilna li l-iżball fundamentali li qed jagħmlu l-apoloġisti tal-Banda De Rohan huwa li jħarsu biss lejn dak it-tagħrif li jista' jwassalhom għal dak li jkunu diġa kkonkludew u għal dak li jixtiequ. Minħabba f'hekk jgħażlu liema tagħrif jorbtu fuqu waqt li tagħrif ieħor li ma jdoqqilhomx, iwarrbuh, jew jgħidu li mhux veritier, u jekk ma jsibux mod kif jinterpretawh favurhom jittimbrawh bħala falz[1]. Hemm każi fejn huma jibdlu t-tifsir ta' tagħrif bil-mod kif jippreżentawh[2].

## Fatti u mhux interpretazzjonijiet

Għall-kuntrarju l-kittieba tal-"Ġrajja tal-Każin Banda San Filep" sa mill-bidu tal-ħidma tagħhom fuq il-ktieb infurmaw lill-kumitat li huma għamlu patt bejniethom li kienu se

jagħmlu ħilithom biex isibu l-verita kollha u li jekk il-kumitat ma kienx ikun lest jippubblika dak kollu li jirriżultalhom allura huma ma kienux lesti li jħallu isimhom jidher bħala ko-awturi tal-ktieb. L-ewwel li għamlu kien li flew il-kitbiet li kienu saru sa dak inhar miż-żewġ naħat u saħansitra wieħed minnhom għamilha tal-'avukat tax-xitan' billi għal xi żmien ħa l-pożizzjoni favur l-argumenti tad-De Rohan sabiex jgħarblu aħjar l-argumenti. Kien wara din il-fażi li beda x-xogħol propju fuq il-kitba tal-ktieb.

Peress li tal-Banda De Rohan qatt ma ressqu ebda dokument li jipprova dak li jsostnu, jiġifieri li PPCastagna kien qed jirreferi għall-Banda De Rohan[3], allura ħolqu ħafna ħrejjef biex jinterpretaw kif jaqblilhom id-dokumenti li għandha l-Banda San Filep u mbagħad biex bħallikieku jsaħħu dawn l-istejjer bdew jippruvaw juru li l-Banda San Filep ma kienetx teżisti qabel l-1889 jew l-1893 – għax anke fuq din tfixklu u ġieli qalu data u ġieli oħra. Jew forsi biex inessu li qatt ma ġabu prova fuq l-interpretazzjoni li taw lil kliem Castagna!


*Mastru Indri Borg fl-1860 kien assoċjat mal-Banda di San Filippo*

Dan qegħdin jippruvaw jagħmluh billi jgħidu li fl-arkivju tal-parroċċa l-Banda di San Filippo ma tissemmiex għal ħamsa u għoxrin sena li jibdew minn nofs is-sittinijiet tas-seklu dsatax. Ma jgħidux li lanqas il-Banda De Rohan jew il-*Banda del Zebbug* ma jissemmew fl-istess snin f'dawn ir-reġistri, għal żmien ferm itwal, għax la f'dawn is-snin u lanqas sa tmiem is-seklu dsatax. Imma dawn skont huma, l-*Banda del Zebbug* kienet teżistu f'dawk l-istess znin filwaqt li l-*Banda di San Filippo* ma kienetx! Għaliex? Għax skont huma, Mikiel Anġ Debono li jidher jitħallas għal diversi servizzi ta' baned kien il-mexxejja tal-*Banda del Zebbug*. L-ewwelnett dan is-surmast beda jidher fil-kotba tal-arkivju tal-parroċċa fl-**1876,** jiġifieri minn meta waqqaf il-*Banda del Zebbug*. Dan ifisser li tul is-sitta u għoxrin sena ta' qabel hemm vojt fl-argumenti jew "provi" li jriduna nemmnu. Ara qabel l-1876fir-reġistri jidhru nies oħrajn jiġbru l-ħlas għal servizzi ta' banda fil-fest li kienu jsiru f'Ħaż-Żebbuġ, nies li sa minn qabel l-1860 kienu assoċjati mal-Banda di San Filippo, u dan hu dokumentat. Anke wara l-1876 jidhru wħud minn dawn l-istess nies bħalma jidhru oħrajn li kienu assoċjati mal-Banda De Rohan.

Aħna ilna nippublikaw dokumenti li juru u jippruvaw li l-Banda San Filep kienet hemm fl-erbgħin sena ta' qabel l-1893[4] kif ukoll min kienu uħud mill-persunaġġi li kienu jidderieġuha jew jamministraw is-soċjeta li kienet tieħu ħsiebha. Huma x'dokumenti qatt ippreżentaw biex juru li l-*Banda del Zebbug* inkella l-Banda De Rohan kienet teżisti tul il-perjodu 1860-1876 meta suppost kienet l-unika banda formali f'Ħaż-Żebbuġ? Kulma kienu u għadhom jagħmlu huwa biss li jiddikjaraw (u mhux jippruvaw) li Castagna kien qed jgħid għall-Banda De Rohan meta fil-fatt Castagna ma semma ebda isem ta' banda. Imbagħad fl-istess nifs jippretendu mingħandna dokumenti għal kull kelma li ngħidu! Jaqaw l-istess kejl ma jgħoddx għalihom ukoll?

Issa ħarġu b'oħra. Qalu li fil-ħarġa ta' Mejju-Lulju 1976 tal-gazzetta 'Leħen il-Belt de Rohan' dehret lista tal-presidenti li turi li l-ewwel wieħed kien Gavino Naudi li serva bejn l-1880 u l-1889 u li ma taqbilx mal-lista fil-ktieb 'Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep'. Malajr ikkonkludew li kienu ġew miżjuda sitt presidenti biexjimtela l-vojt mill-1851 sal-

1880. Li ġara kien li għal xi żmien kien hemm żewġ kumitati u allura żewġ president: wieħed tal-banda u ieħor tal-każin. Saħansitra, l-banda kellha l-istatut tagħha distint minn dak tal-każin. Fuq din nitkellmu aktar fit-tul darb'oħra.

## Iċ-Ċirkostanzi tas-Seklu Dsatax

Meta nitkellmu fuq il-bidu tal-baned iridu niftakru li ċ-ċirkustanzi kienu ferm differenti minn tal-lum. L-affarijiet ma kienux isiru l-istess kif nagħmluhom illum. Ma nistgħux nippretendu li mill-bidunett il-banda kellha tkun kif nafuha llum. Lanqas il-festi ma kienu jiġu ċċelebrati bħal-lum. Il-poplu kien fil-maġġoranza kbira fqir u illiterat, il-gazzetti kienu jinqaw mill-ftit. Għandna għax naħsbu li l-bidu tal-banda kien żgħir u informali fejn għall-ewwel snin ingħaqad grupp ta' daqqaqa li sab lil min jgħallmu l-mużika. Jista' jkun li għalihom kien passatemp li minnu setgħu jaqilgħu xi ftit flus kif kien ilu jsir. Min jaf kemm il-grupp ta' daqqaqa kien ifforma għal ftit żmien u wara qisu qatt ma kien. Probabbli ħafna li meta beda, dan l-għalliem l-aħħar ħaġa li kellu f'rasu kien li qed jifforma banda li għad tibqa'! Aktar u aktar meta ftit żmien wara beda jsiefer fit-tul u kellu karriera mportanti li minn żgħożitu kienet timpenjah bil-kbir. LI kieku mhux għax f'dal-grupp kien hemm oħrajn li kienu wkoll jifhmu fil-mużika u kienu kapaċi kieku aktarx li ebda aħbar ta' din il-banda ma kienet tasal sa żmienna bħalma ma nafux liema kienu l-'baned' l-oħra li minn żmien għall-ieħor allegraw il-festi Malti qabel nofs is-seklu dsatax. Imma d-destin ried li nies bħal Andrea Borg u Gaetano Attard ingħaqdu ma dawn id-daqqaqa u ħadu f'idejhom id-direzzjoni u t-tagħlim tal-mużika meta nqala' l-bżonn. U dawn sabu l-inkoraġġiment ta' oħrajn. Inzerta kien żmien ta' qawmien kulturali li f'Ħaż-Żebbuġ, aktar minn loklalitajiet oħra, kien imbuttat u sostnut minn ġid li kien beda jidher fl-idejn, frott ta' negozju li kien qed jiżdied u li pprovda xogħol għal bosta. Dan il-qawmien beda jiffjorixxi lejn tmiem is-snin ħamsin tas-seklu dsatax. Dan jidher mhux biss mit-trasformazzjoni ta' 'banda' żgħira f'waħda formali u organizzata, li stħoqqilha tissejjah nazzjonali, imma wkoll mid-deċiżjoni li ssir statwa tal-fidda. L-ispiża li saret għal din l-istatwa, fi flus tal-lum tammonta għal nofs miljun Ewro. In-nefqa li daħlu għaliha rħula oħra li dik il-ħabta għamlu statwa kienet ta' madwar €5000 fi flus tal-lum, jiġifieri mitt darba anqas. Mhux ta' b'xejn li Ħaż-Żebbuġ ġibed l-attenzjoni ta' Malta kollha fuqu fl-1860! Banda nazzjoali li bħala Malta kienet għadha ma ratx u bidu ta' proġett ta' statwa li f'Malta ma kienx hawn bħalha! U ħdejn dawn l-avvenimenti spettakulari li bdew iseħħu f'dik is-sena, dak li kien ilu jinħema bil-kwiet u b'mod modest sa minn snin qabel tilef l-importanza tiegħu. Imma dawk iż-Żebbuġin li kienu mdaħħal fil-banda nazzjonali l-ġdida li ffurmat f'Ħaż-Żebbuġ bis-saħħa ta' Andrea Borg kienu jafu li dan bena fuq li sab. Dawn ma kitbux kotba imma l-istorja kienu jgħiduha lil uliedhom u ftit minn dawn l-ulied wassluha lilna.



*Dettall mir-reġistru tal-Karità fejn tissemma l-Banda di San Filippo fl-1851*

Meta nkitbet l-istorja ma kienx imnebbaħ li fil-futur kienu sejrin jitqajjmu interpretazzjonijiet differenti. Dak iż-żmien kienu lkoll b'idea waħda: '*Banda di San Filippo*'. Rawha titwieled u timxi 'l quddiem. Beda jinqala' l-paroli meta bdew iqumu l-partiti. L-apoloġisti tal-Banda De Rohan tallum, għal żmien twil kienu jiktbu li l-banda f'Ħaż-Żebbuġ bdiet fl-1860. F'dawn l-aħħar snin bidlu għal kitba li 'tal-BSF qegħdin jagħtu lill-banda tagħhom annu li mhux tagħha. Ta' min hu l-annu, ta' min wasal fl-1880, fl-1889 jew fl-1893? B'dan il-mod qegħdin iħarbtu l-ġrajja mużikali f'Ħaż-Żebbuġ.

Fil-bidu min kien jobsor li dik li 'l quddiem saret il-'*Banda di San Filippo*" ma kienx se jiġrilha bħalma kien ġara lil gruppi oħra li ffurmaw u wara ftit sfaxxaw? Għalhekk mhux xi ħaġa kbira li ma ġibed l-attenzjoni ta' ħadd u lanqas dawn involuti ma kienu jobsru x'għad isir. Imma meta dan il-grupp ħass il-ħtieġa li jorganizza ruħu f'soċjetà u li jkollu diriġenti kapaċi allura kien hemm li bdiet tieħu l-forma ta' banda kif nafuha aħna.

Lanqas ma nistgħu nippretendu, kif jagħmlu l-apoloġisti tad-De Rohan, li l-prokuraturi tal-festi sekondarji kellhom jaqilgħu banda sħiħa jew kbira kull sena. Ma setax ġara li l-prokuratur ikellem amministratur fis-soċjetà tal-banda tar-raħal biex jiffurmalu banda żgħira minn fost il-bandisti biex jallegraw il-festa? Kemm tkun kbira din il-'banda' tal-okkażjoni jiddependi minn kemm kien hemm fondi u għalhekk minn sena għall-oħra l-ammont imħallas jinbidel. U l-prokuratur lil min kien se jfittex? Fi żmien meta kien hemm banda waħda kien imur fuq xi ħadd magħruf bħala wieħed mid-diriġenti ta' dik il-banda. Meta aktar tard kien hemm aktar minn banda waħda kien ifittex lil min jaħseb li hu l-aktar kapaċi, jew li kellu simpatija miegħu jew lil min kien jitħallas l-inqas. Per eżempju l-prokuraturi tal-festi tal-Karita, tad-Duluri, tas-Sagrament u Corpus kellhom tendenza jaqilgħu bandisti mill-Banda San Filep. Min jaf għaliex il-prokuraturi xi drabi kitbu isem dak li lilu ħallsu u drabi oħra kitbu biss li ħallsu għal servizz ta' banda? Dawn il-mistoqsijiet ma jitwieġbux mir-reġistri tal-parroċċa li l-iskop tagħhom kien li jinżamm rendikont tal-ispejjeż u tad-dħul.

Dawn ir-reġistri lanqas ma juru liema kwistjonijiet kienu għaddejjin fir-raħal. Il-ftit li nafu huwa minn dak li wasal bil-fomm u wkoll minħabba kawża fil-qorti li kien għamel Angelo Galea minħabba li prokuratur tal-festa ta' San Filep appuntah Maestro di Cappella u qabel ma biss kellu ċ-ċans li jmexxi l-mużika ta' festa waħda inbidel il-prokuratur u dak ġdid neħħa lil Galea mill-kariga. Dan flimkien mal-kwistjonijiet dwar Nani u Bugeja juru li fir-raħal kien hemm diskussjoni qawwija ( u allura nteress) fuq il-mużika. Kien hemm żmien fejn baned inqasmu, jew mietu u oħrajn irmaw ġodda. X'juri dan kollu? Li fir-raħal għal ħafna snin kien hemm ċertu argumenti jekk mhux ukoll ferment in konnessjoni mal-mużika. U l-prokutraturi kienu jsibu ruħhom jiżfnu fin-nofs għax jekk jagħżlu banda u mhux oħra kienu se jkun hemm min jarahom sbieħ u min jarahom koroh. Kien hemm snin meta Mikiel Anġ Debono kien popolari fil-festi ġo r-raħal. Imma hemm snin meta jissemmu nies oħrajn li kienu parti mill-Banda San Filep jew is-soċjetà tagħha bħal Gaetano Attard[5], Antonio Pisani[6], Angelo Chircop[7] u Mro Giacchino Mallia[8].

Qalu li l-isem '*Banda di San Filippo*' ma kienx isem ta' banda imma biss riferenza għall-banda li daqqet fil-festa ta' San Filep. Dan għax l-ewwel darba li deher dan l-isem kien fir-reġistru tal-Karita fl-1851. Li kieku kien hekk fir-reġistru tal-festa ta' San Filep ma kienetx terġa tisemma hekk. Fil-fatt f'dan ir-reġistru fl-1856 u fl-1857 tissemma propju bl-istess isem li issemmiet fir-reġistru tal-Karita. Jiskantaw kif din il-banda ma dehritx iżjek wara l-1859 meta dehru baned oħra jitħallsu. Diġa fissirna għalfejn il-BSF ma komplietx titħallas,



Alla Soc. della Banda San Filippo, in segno di rispetto e di stima per il lavoro fatto dai membri della stessa Società durante la raccolta per la Statua Artistica d'argento di San Filippo.

Arc. Sac. Francesco Borg.

3 Aprile 1864

ST. PHILIP BAND CLUB A.D. 1851 ZEBBUG

*Ittra ta' ringrazzjament lis-Soċjetà tal-Banda di San Filippo mill-Arċipriet F. Borg – 1864*

kif għadu jiġri sal-lum. Imma dawn ippretendew li fil-festa tal-patrun iddoqq banda waħda biss? Għalhekk jidher il-ħlas ta' baned oħra. Argumenti zopop bħal dawn hemm diversi oħrajn li min hu rasu fuq għonqu u jinteressa ruħu f'dan is-suġġett malajr jintebaħ li ma jreġux. Il-fatt li qabdu l-istrateġija li jinnegaw l-eżistenza tal-Banda San Filep bejn l-1851 u l-1893 hija ammissjoni impliċita li m'għandhomx provi li bejn l-1860 u l-1876 kienet teżisti l-Banda de Rohan/Del Zebbug. Kieku kien mod ieħor kien ikun biżżejjed li jressqu dawn il-provi.

Tal-Banda de Rohan qegħdin iwarrbu għal kollox il-festa tal-Karità (rċevuta 1851), il-festa ta' San Filep (1856-1857) u okkażjonijiet oħra, ġrajjiet importanti ħafna għall-Banda San Filep li huma dokumentati b'irċevuti u ħlasijiet. Ara qattx issemmew il-Filarmonica del Zebbug qabel l-1880 u l-Fil. De Rohan qabel l-1889. Dawn l-apoloġisti dejjem huma lesti biex jibnu ġrajjiethom f'dawk l-argumenti favurihom. Jinjurawhom mexxejja bħal Gaetano Attard. Jippruvaw inessu li fl-1864 il-banda kienet taħt it-tmexxija ta' Mro. Andrea Borg imma rċieva l-ħlas Gaetano Attard.

Il-*Fil. del Zebbug* bdiet tissemma wara l-inċident tal-1880. Kienet it-tieni banda li dehret iddoqq f'Ħaż-Żebbuġ. Din il-banda żarmat għall-kollox wara kważi għaxar snin. Fil-kitbiet tagħhom imgħoddija l-apoloġistikienu jsostnu li l-għaqdiet tal-baned ma kienux jissemmew b'isem xi qaddis. Din il-ħlieqa tagħhom iġġarrfet ukoll bl-isem "*Casino San Filippo – Fil del Zebbug*". Mela jista' jkun li isem ta' qaddis popolari ma torbotx miegħu, anke ħafna snin qabel kif għamlet il-*Banda di San Filippo* fl-1851?

F'April 1889 twaqqfet it-tielet banda formali: "*Soc. Fil. del Casino San Filippo*". Kienet xewqa bla temma tagħha li din is-soċjeta mużikali tissemma '*Fil. San Filippo*' għax diġa kienet teżisti banda oħra b'dan l-isem (l-antika *Banda San Filippo*). Infatti fi ftit ġranet din

is-Soċjetà kkoreġiet isimha kif jidher mit-tħabbira fil-gazzetta 'Malta' tal-11 t'April 1889 u kif reġgħet dehret fl-istess gazzetta tat-23 t'April 1889.

Id-dokumenti jippruvawh ċar, fil-Guida Generale (1893) li ppublikat l-isem propju '*Fil. Rohan del Casino San Filippo*'. L-isem *San Filippo* bħala parti minn isem din il-banda sfuma fix-xejn fi ftit taż-żmien għax il-Ġużeppini ġabu l-maġġoranza f'din is-soċjetà tagħhom. Wieħed jista' jsib il-gazzetta 'Malta Tagħna' tat-2 ta' Ġunju 1894, p 13, u jara dan.

Pietru Pawl Castagna bilfors kien qed jgħid għall-Banda San Filep tallum għax hu fatt magħruf li l-Banda de Rohan twieldet fl-1889. Dan l-argument ġie msaħħaħ għal darb'oħra bil-Guida Generale tal-1893, bħalma ġie msaħħaħ argument ieħor permezz tal-Portafolio Maltese (Maggio 1865, p3). Fil-kotba tal-knisja il-banda kienet immexxija minn Mro A. Borg u jidher jiħallas Gaetano Attard – għax kienu f'Għaqda waħda.

**Referenzi**

1 Hekk per eżempju sar fil-konfront tal-ittra tal-Arċipriet Borg li ġġib id-data tat-3 t'April 1864. L-ewwel qalu li kienet falza. Wara, meta ndunaw li kienu ħadu falza stikka qalu li "l-ittra tal-Arċipriet Francesco Borg jidher li huwa każ ta' ittra lil nies li kellhom f'moħħhom li jifformaw banda u jsemmuha *Banda San Filippo* imma li din tagħhom kienet xewqa bla temma". Din mhix ħlief interpretazzjoni stramba, l-aktar meta tiftakar li ħames snin qabel kienu ġabru l-flus biex jinxtraw ħmistax-il strument ġdid għal din il-banda. Altru milli l-banda baqgħet ħsieb biss!

2 Is-sena l-oħra wrejna li fil-gazzetta Id-Dawl tal-15 ta' Marzu 1888, jissemmew żewġ baned minn Ħaż-Żebbuġ li ħadu sehem fid-dimostrazzjoni flimkien ma baned oħrajn mill-Furjana sal-Belt Valletta. Ippretendew li l-gazzetta kellha ssemmi l-banda b'isimha (*Fil. S. Filippo)* minkejja li l-baned l-oħrajn lanqas ma semmiethom b'isimhom imma biss bl-isem tar-raħal minfejn kienu ġejjin!

3 meta qal li Andrea Borg waqqaf l-ewwel banda nazzjonali f'Malta fl-1860 f'Ħaż-Żebbuġ.

4 Hemm dokumenti li jsemmu ħlas lill-*Banda di San Filippo* fl-1851, 1856, 1857; lista ta' nies li fil-bidu tal-1859 taw flus biex jinxtraw strumenti ġodda għal din il-banda, ħlas għal palk tal-banda f'Jannar 1860, ħajr uffiċjali lis-*Società della Banda di San Filippo* fl-1864, avviż dwar programm mużikali li kellu jsir minn din il-banda quddiem il-knisja arċipretali f'Diċembru 1882 u għall-kunċerti bi tħejjija, preżentazzjoni ta' bandalora lil din il-banda f'għeluq l-għoxrin sena mill-wasla tal-istatwa tal-fidda ta' San Filep, ie fis-sena 1883, ħlas għal servizz mużikali minn din il-banda fil-festa ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq fl-1890 u oħrajn.

5 Gaetano Attard li minbarra li kien mużiċist kien serva wkoll bħala president tal-Banda San Filep mill-1873 sal-1874 jissemma tmintax-il darba bejn l-1861 u l-1879 (8 darbiet fil-festa ta' San Filep, 9 f'tad-Duluri u darba f'tal-Karita).

6 Antonio Pisani li kien president tal Banda San Filep bejn l-1865 u l-1871, jissemma erba' darbiet, fl-1869 u 1871 fil-festi tad-Duluri u tal-Karita.

7 Angelo Chircop li kien president tal-Banda San Filep bejn l-1900 u l-1908, jissemma ħdax-il darba, fl-1885, 1886 u 1895 f'Tal-Karità, fl-1895, 1897,1898, 1899 u 1901 f'Tal-Corpus u fil-1896 u 1898 f'tas-Sagrament u jerġa fl-1899 fid-Duluri.

8 Mro Giacchino Mallia jidher ħames darbiet, fl-1872 u 1877 f'Tal-Karita, fl-1879 f'San Filep u fl-1885 u 1886 fil-Corpus.

**Il-Każin tal-Banda San Filep joffri tagħlim tal-mużika u strumenti b'xejn.**

Dawk interessati li jibagħtu lill-uliedhom jitgħallmu l-Banda għandhom javviċinaw lil xi membru tal-Kumitat jew lill-Kummissjoni Banda.